MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 239/2009

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Rachelle Back Sakka Fiorini u b'digriet datat 30 ta' April 2009 gie ordnat il-kjamat in kawza ta' Mohammed Back Sakka.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' mija, hamsa u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€195.48) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut skond Client Contract number 1005962 fir-rigward ta' servizzi lilu rezi fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2009, u dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet illi 1. il-gudizzju mhuwiex integru stante li l-konvenuta hi mizzewwga ma Mohammed Bach Sakka, li mieghu tinsab fi proceduri ta' separazzjoni personali izda l-komunjoni tal-akkwisti ghadha mhux mahlula, u ghalhekk l-imsemmi Mohammed Bach Sakka ghandu jigi kjamat fil-kawza; 2. illi effettivament il-kont mertu tal-proceduri odjerni jireferi ghall-linja tat-telefon personali tal-imsemmi Mohammed Bach Sakka, u l-linja tat-telefon kienet giet registrata f'isem l-esponenti biss bhala presta nome ghall-istess Mohammed Bach Sakka, stante li s-socjeta' attrici ma kenitx taghti servizzi lil barranin fiz-zmien li fih Mohammed Bach Sakka kien talab li jinghata s-servizz telefoniku; 3. illi l-esponenti m'ghamlet l-ebda uzu mill-linja telefonika mertu tal-proceduri odjerni; 4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra d-digriet tieghu kif diversament presedut tat-30 ta' April 2009 fejn giet milqugha t-talba tal-konvenuta biex jigi kjamat in kawza Mohammed Back Sakka.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju 2010.

Ra li l-konvenuta m'ghamlet l-ebda tentattiv iehor sabiex tinnotifika l-kjamat in kawza wara Frar tas-sena 2010, alavolja inghatat tlett differiment sabiex taghmel hekk, u ghalhekk ordnat li s-socjeta' attrici sabiex tibda tipproduci l-provi taghha.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Gunju 2010, fejn il-Prokuratur Legali Peter Sammut ikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont kollu mitlub fl-Avviz ghadu dovut u li l-konvenuta Rachelle Back Sakka hija l-persuna responsabbli ghall-hlas ta' tali ammont stante li hija kienet iffirmat il-kuntratt in kwistjoni.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuta u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ mija, hamsa u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€195.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------